# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta, tad-19 ta' Mejju 2016

Talba Numru: 899/2015NHV

Numru fuq il-Lista: 6

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
u b'digriet mogħti mit-Tribunal datat il-11 ta' Frar 2016
l-atti ġew leġittimizzati f'isem is-soċjeta` **GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Cini Olaf K.I.0539560-(M)**

It-**Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi ippreżentat fl-24 ta' Novembru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' elf, mitejn, ħamsa u ghoxrin Ewro, u żewġ ċenteżmi (€1,225.02c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizz ta' komunikazzjoni (mobile bin-numru 79511906) li jġib l-akkont numru A/C51080911, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, ma ppreżentax risposta in kontestazzjoni għall-istess talba iżda deher għas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fil-5 ta' Mejju 2016.

Illi fl-istess seduta sema' lill-konvenut jixhed bil-ġurament fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elf, mitejn, ħamsa u ghoxrin Ewro, u żewġ ċenteżmi (€1,225.02c).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi f'pagamenti mensili ta' mija u ħamsin Ewro (€150), bl-ewwel pagament isir fl-ewwel jum ta' Diċembru 2016 u li jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett tal-ammissjoni tiegħu kif ukoll tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-socjeta` attriċi is-somma ta' elf, mitejn, ħamsa u ghoxrin Ewro, u żewġ ċenteżmi (€1,225.02c), liema somma għandha titħallas f'pagamenti mensili ta' mija u ħamsin Ewro (€150), bl-ewwel pagament isir fl-ewwel jum ta' Diċembru 2016. Jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

L-imgħax legali jiddekorri mill-24 ta' Novembru 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Nadia H.Vella**
Ġudikatur